

L-Erbgħa 30 ta' Meju 2018

P8_TA(2018)0222

Qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Meju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056123-02 – 2018/2699(RSP))

(2020/C 76/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056123-02),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tat-23 ta' April 2018, li matulha ma nġhatat ebda opinjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fl-14 ta' Novembru 2017 u ppubblikata fit-28 ta' Novembru 2017 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017)0085, COD(2017)0035),

⁽¹⁾ ĠUL 268, 18.10.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽³⁾ <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5000>

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati (*),
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

- (*) — Riżoluzzjoni tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (*Zea mays* L., il-linja 1 507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (ĠU C 482, 23.12.2016, p. 110).
- Riżoluzzjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2279 tal-4 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × T25 (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 71).
- Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87705 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 19).
- Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87708 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 17).
- Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 (MST-FGØ72-2) (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 15).
- Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn jew tlieta minn dawk l-eventi (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 108).
- Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' qronfla mmodifikata ġenetikament (*Dianthus caryophyllus* L., linja SHD-275 31-4) (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 111).
- Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0388).
- Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0389).
- Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 (Testi adottati, P8_TA(2016)0386).
- Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (Testi adottati, P8_TA(2016)0387).
- Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat 281-24-236 × 3006-210-23 × MON 88913 (Testi adottati, P8_TA(2016)0390).
- Riżoluzzjoni tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × 59 122 × MIR604 × 1 507 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi Bt11, 59 122, MIR604, 1 507 u GA21, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0123).
- Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-40278-9, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0215).
- Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB119 (BCS-GHØ5-8) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P8_TA(2017)0214).
- Riżoluzzjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-68416-4, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0341).
- Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 × A5547-127, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0377).
- Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-44406-6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0378).
- Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (DAS-Ø15Ø7-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0396).
- Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata 305 423 × 40-3-2 (DP-3Ø5423-1 × MON-Ø4Ø32-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0397).
- Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-kolza ġenetikament modifikata MON 88302 × Ms8 × Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACSB-NØØ5-8 × ACS-BNØØ3-6), MON 88302 × Ms8 (MON-883Ø2-9 × ACSB-NØØ5-8) u MON 88302 × Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACS-BNØØ3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0398).
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 59 122 (DAS-59 122-7) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0051).
- Riżoluzzjoni tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × NK603 (MON-87427-7 × MON-89Ø34-3 × MON-ØØ6Ø3-6) u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn mill-eventi MON 87427, MON 89034 u NK603 u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/420/UE (Testi adottati, P8_TA(2018)0052).
- Riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-pitrava zokkrija ġenetikament modifikata H7-1 (KM-ØØØH71-4) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0197).

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

- A. billi fit-3 ta' Frar 2011, Pioneer Overseas Corporation, fisem Pioneer Hi-Bred International Inc., tal-Istati Uniti tal-Amerka, res-sqet applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603 (minn hawn 'il quddiem "l-applikazzjoni") lill-awtorità nazzjonali kompetenti tan-Netherlands bi qbil mal-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003; billi l-applikazzjoni kopriet wkoll it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jikkonsistu jew li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603 ("il-qamħirrum ĠM") għal użi oħra għajr għall-ikel u għall-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;
- B. billi l-applikazzjoni kienet tkopri għaxar sottokombinazzjonijiet tal-eventi ta' trasformazzjoni uniċi li jikkostitwixxu l-qamħirrum ĠM, li minnhom ħamsa kienu diġà ġew awtorizzati; billi tmienja minn dawk is-sottokombinazzjonijiet huma rregolati mill-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni; billi s-sottokombinazzjonijiet 1 507 × NK603 × MON 810 × NK603 diġà ġew awtorizzati b'deċiżjonijiet differenti tal-Kummissjoni;
- C. billi fl-14 ta' Novembru 2017, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat opinjoni favorevoli f'konformità mal-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, li ġiet ippubblikata fit-28 ta' Novembru 2017 ⁽⁵⁾;
- D. billi l-qamħirrum ĠM huwa dderivat bit-taħlit ta' erba' event ta' qamħirrum ġenetikament modifikat: l-event 1 507 jipproduċi l-proteina insettiċida Cr1F u huwa reżistenti għall-erbiċida glufosinat; l-event 59 122 jipproduċi l-proteini insettiċidi Cry34Ab1 u Cry35Ab1 u huwa wkoll reżistenti għall-erbiċida glufosinat; l-event MON810 jipproduċi l-proteina insettiċida Cr1Ab; l-event NK603 jipproduċi żewġ enzimi li jikkawżaw reżistenza għall-erbiċida glifosat;
- E. billi l-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari, f'dan il-każ tal-glifosat u tal-glufosinat, hija parti minn Prattika Agrikola Regolari fil-kultivazzjoni ta' pjanti reżistenti għall-erbiċidi u għalhekk jista' jkun mistenni li r-residwi mill-bexx ikunu preżenti fil-ħsad u huma kostitwenti inevitabbli; billi ntwerja li l-għelejjel ġenetikament modifikati tolleranti għall-erbiċidi jwasslu għal użu akbar ta' erbiċidi komplementari mill-kontropartijiet konvenzjonali tagħhom;
- F. billi, b'konsegwenza, għandu jkun mistenni li l-qamħirrum ĠM ser ikun espost għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta' glifosat u glufosinat, li mhux biss iwasslu għal piż ogħla ta' residwi fil-ħsad iżda jistgħu wkoll jinfluwenzaw il-kompożizzjoni tal-pjanta tal-qamħirrum ĠM u l-karatteristiċi agronomiċi tagħha;
- G. billi studju indipendenti kkonkluda li l-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA m'għandhiex tiġi aċċettata minħabba li, fost l-oħrajn, l-EFSA ma talbet ebda data empirika dwar tossiċità u l-impatt fuq is-sistema immunitarja, l-effetti kombinatorji, filwaqt li l-konsegwenzi tal-bexx ta' dożi ogħla tal-erbiċidi komplementari ġew injorati, il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali kienet inaċċettabbli u kienet ibbażata fuq suppożizzjonijiet żbaljati, u ma kienet prevista ebda sistema biex twettaq monitoraġġ speċifiku għal kull każ ta' tixrid u tal-effetti potenzjali fuq is-saħħa ⁽⁶⁾;
- H. billi ebda data sperimentali ma ġiet ipprovduta mill-applikant għal subkombinazzjoni ta' event ta' trasformazzjoni multipla li bħalissa mhijiex awtorizzata (59 122 × MON810 × NK603); billi l-awtorizzazzjoni ta' event ta' trasformazzjoni multipla m'għandhiex titqies mingħajr valutazzjoni profonda tad-data sperimentali għal kull sottokombinazzjoni;
- I. billi l-glufosinat huwa klassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kriterji ta' esklużjoni stabbi-liti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾; billi l-approvazzjoni għall-użu tal-glufosinat fl-Unjoni tiskadi fil-31 ta' Lulju 2018 ⁽⁸⁾;

⁽⁵⁾ <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5000>

⁽⁶⁾ <https://www.testbiotech.org/node/2130>

⁽⁷⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽⁸⁾ Punt 7 tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/404 (ĠU L 67, 12.3.2015, p. 6).

L-Erbgħa 30 ta' Meju 2018

- J. billi għad hemm dubji dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat; billi, f'Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhuwiex karċinoġeniku, filwaqt li, f'Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ikkonkludiet li ebda klasifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju, fl-2015 l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat il-glifosat bħala probabbilment karċinoġeniku għall-bnedmin;
- K. billi, b'mod ġenerali, skont il-bord tal-EFSA dwar il-pestiċidi, ma jstgħux isiru konklużjonijiet dwar is-sikurezza ta' residwi mill-bexx ta' għelejjel ĠM b'formazzjonijiet ta' glifosat⁽⁹⁾; billi l-addittivi u t-taħlitiet tagħhom użati f'formulazzjonijiet kummerċjali tal-glifosat għall-bexx jstgħu juru tossiċità ogħla minn ingredjenti attivi waħedhom⁽¹⁰⁾;
- L. billi l-Unjoni diġà neħħiet mis-suq addittiv tal-glufosinat magħruf bħala "POE tallowamine" minħabba tħassib dwar it-tossiċità tiegħu; billi addittivi u taħlitiet problematiċi jstgħu, madankollu, xorta waħda jiġu permissi f'pajjiżi fejn jiġi kkultivat il-qamħirrum ĠM (il-Kanada u l-Ġappun);
- M. billi informazzjoni dwar il-livelli ta' residwi ta' erbiċidi u l-metaboliti tagħhom hija essenzjali għal valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa ta' pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi; billi r-residwi mill-bexx bl-erbiċidi huma meqjusa barra mill-mandat tal-bord tal-EFSA dwar l-OĠM; billi l-impatti tal-bexx tal-qamħirrum ĠM bl-erbiċidi ma ġewx ivvalutati, u lanqas ma ġie vvalutat l-effett kumulattiv tal-bexx bil-glifosat u bil-glufosinat;
- N. billi l-Istati Membri mhumieq meħtieġa li jkejlu r-residwi tal-glifosat jew tal-glufosinat fuq l-importazzjonijiet tal-qamħirrum sabiex jiżguraw il-konformità mal-livelli massimi ta' residwu bħala parti mill-programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660⁽¹¹⁾, u lanqas m'huma meħtieġa jagħmlu dan għas-sinjura 2019, 2020 u 2021⁽¹²⁾; billi għalhekk mhuwiex magħruf jekk ir-residwi tal-glifosat jew tal-glufosinat fuq dan il-qamħirrum ĠM importat humieq konformi mal-limiti massimi ta' residwi tal-UE;
- O. billi l-proċeduri ta' event ta' trasformazzjoni multipla jipproduċi erba' tossini insettiċidali (Cry1F u Cry1Ab, immirati għall-insetti lepidoptera, u Cry34Ab1 u Cry35Ab1, immirati għall-coleptera); billi studju xjentifiku fl-2017 dwar l-impatti possibbli fuq is-saħħa ta' tossini Bt u residwi minn bexx b'erbiċidi komplementari kkonkluda li għandha tingħata attenzjoni speċifika għar-residwi tal-erbiċidi u l-interazzjoni tagħhom ma' tossini Bt⁽¹³⁾; billi dan ma ġiex investigat mill-EFSA;
- P. billi l-EFSA kkonkludiet li bl-eċċezzjoni ta' wieħed, l-użi rappreżentattivi tal-glifosat għall-għelejjel konvenzjonali (jiġifieri għelejjel mhux ĠM) jirrapreżentaw "riskju għall-vertebrati terrestri selvaġġi mhux fil-mira", u identifikat ukoll riskju għoli fuq terminu twil għall-mammiferi għal uħud mill-użi ewlenin għall-għelejjel konvenzjonali⁽¹⁴⁾; billi l-ECHA kklassifikat il-glifosat bħala tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema; billi l-impatti negattivi tal-użu tal-glifosat fuq il-bijodiversità u fuq l-ambjent huma dokumentati b'mod wiesa'; billi, pereżempju, studju tal-Istati Uniti tal-2017 sab korrelazzjoni negattiva bejn l-użu tal-glifosat u l-abbundanza ta' friefet adulti tar-razza Monarch, partikolarment f'żoni fejn hemm konċentrazzjoni ta' agrikoltura⁽¹⁵⁾;
- Q. billi l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-qamħirrum ĠM ser iżżid id-domanda għat-tkabbir tiegħu f'pajjiżi terzi; billi, kif imsemmi hawn fuq, dożi ogħla u ripetuti ta' erbiċida jintużaw għal pjanti ĠM li jittolleraw l-erbiċida (meta mqabbel ma' pjanti mhux ĠM), peress li dawn ġew iddisinjati speċifikament għal dan l-iskop;

⁽⁹⁾ Konklużjoni tal-EFSA dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva glifosat. Il-Ġurnal tal-EFSA 2015, 13 (11):4302, <http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2015.4302/epdf>

⁽¹⁰⁾ <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3955666>

⁽¹¹⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660 tas-6 ta' April 2017 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 12).

⁽¹²⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 tad-9 ta' April 2018 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2021 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 92, 10.4.2018, p. 6).

⁽¹³⁾ <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5236067/>

⁽¹⁴⁾ <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2015.4302>

⁽¹⁵⁾ <https://onlinelibrary.wiley.com/doi/abs/10.1111/ecog.02719>

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

- R. billi l-Unjoni hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li jimponi fuq il-partijiet kontraenti tagħha r-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent ta' stati oħrajn ⁽¹⁶⁾; billi d-deċizzjoni dwar jekk tiġix imġedda l-awtorizzazzjoni għall-qamħirrum ĠM hija fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;
- S. billi l-iżvilupp ta' għelejjel ĠM tolleranti għal diversi erbiċidi selettivi huwa prinċipalment dovut għall-evoluzzjoni mgħagħgla ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-ġlifosat f'pajjiżi li kienu jiddependu ħafna fuq għelejjel ĠM; billi fl-2015, fuq livell globali kien hemm mill-inqas 29 speċi ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-ġlifosat ⁽¹⁷⁾;
- T. billi, b'segwitu ta' votazzjoni fit-23 ta' April 2018, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma ta ebda opinjoni;
- U. billi f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni ddeplorat il-fatt li mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 hija kellha tadotta deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni mingħajr l-appoġġ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u li r-ritorn tad-dossier lill-Kummissjoni għal deċiżjoni finali, li hija verament l-eċċezzjoni għall-proċedura kollha kemm hija, sar in-norma għat-tehdid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-ikel u l-għalf ĠM; billi din il-prattika għiet ukoll ikkundannata mill-President Juncker b'ħala mhijiex demokratika ⁽¹⁸⁾;
- V. billi, fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament ċaħad fl-ewwel qari ⁽¹⁹⁾ l-proposta leġiżlattiva tat-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u talab lill-Kummissjoni tirtiraha u tressaq proposta ġdida;
- W. billi l-premessa 14 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tafferma li jenħtieġ li l-Kummissjoni, kemm jista' jkun, timxi b'tali mod li topponi kwalunkwe pożizzjoni predominanti li tista' tqum fil-kumitat ta' appell kontra l-idoneità ta' att ta' implimentazzjoni, speċjalment meta dak l-att jikkonċerna kwistjonijiet sensitivi bħalma huma s-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza tal-ikel u l-ambjent;
- X. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jiddikjara li ikel jew għalf ġenetikament modifikat ma jridx ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent u li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħrajn li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qiegħda tiġi kkunsidrata fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni;
1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jmur lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;
 2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhijiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁰⁾, huwa li jipprovdli l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni rigward l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' OĠM sa ma tiġi riveduta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni b'tali mod li tindirizza n-nuqqasijiet tal-proċedura attwali, li wriet li mhix adegwata;
 5. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenji tagħha skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, billi tissospendi l-importazzjonijiet kollha ta' pjanti ĠM li huma tolleranti għall-ġlifosat;

⁽¹⁶⁾ Artikolu 3, <https://www.cbd.int/convention/articles/default.shtml?a=cbd-03>

⁽¹⁷⁾ <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5606642/>

⁽¹⁸⁾ Ara, pereżempju, id-dikjarazzjoni inawgurati fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014), jew id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).

⁽¹⁹⁾ ĠU C 355, 20.10.2017, p. 165.

⁽²⁰⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

L-Erbgħa 30 ta' Meju 2018

6. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni ma tawtorizzax l-importazzjoni ta' kwalunkwe pjanta ġenetikament modifikata għall-użi bħala ikel jew għalf li tkun ġiet magħmula tolleranti għal erbiċida li ma jkunx awtorizzat għal użu fl-Unjoni (f'dan il-każ il-glufosinat, li l-awtorizzazzjoni għalih tiskadi fil-31 ta' Lulju 2018);
 7. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizza ebda pjanta ĠM tolleranti għall-erbiċida mingħajr valutazzjoni sħiħa tar-residwi minn bexx b'erbiċidi komplementari u l-formulazzjonijiet kummerċjali tagħhom kif applikati fil-pajjiżi ta' kultivazzjoni;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ il-valutazzjoni tar-riskju tal-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari u r-residwi tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi, irrispettivament minn jekk il-pjanta ĠM tkunx maħsuba għall-kultivazzjoni fl-Unjoni jew għall-importazzjoni fl-Unjoni għall-ikel u l-għalf;
 9. Itenni l-impenn tiegħu li javvanza bil-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex jiżgura li, fost l-oħrajn, jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali ma jagħti ebda opinjoni fir-rigward ta' approvazzjonijiet ta' OĠM, sew għall-kultivazzjoni u sew għall-ikel u l-għalf, il-Kummissjoni tirtira l-proposta; jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu fuq l-istess proposta tal-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza;
 10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-